MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 92/2022 LM

**El Hassan Elgardha**
*('l-appellant')*

***vs***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fl-24 ta' Ġunju, 2022, fil-konfront tar-rikorrent **El Hassan Elgardha** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Ir-rikorrent, li huwa detentur ta’ passaport Marokkin, kien f’Malta u kien qiegħed hawnhekk wara ngħata permess uniku sabiex jaħdem mal-kumpannija Extreme Pro Scaffolding Ltd, liema permess kien validu għall-perijodu bejn it-30 ta’ Jannar, 2020 u s-7 ta’ Ottubru, 2020. L-impjieg tar-rikorrent ma’ din il-kumpannija ġie tterminat fit-13 t’Awwissu, 2020, u għalhekk il-permess li kellu r-rikorrent tilef il-validità tiegħu mat-terminazzjoni tal-impjieg. Ir-rikorrent applika mill-ġdid għal permess uniku fit-13 ta’ Lulju, 2021. Permezz ta’ ittra mibgħuta lir-rikorrent fit-2 ta’ Frar, 2022 mill-Aġenzija Identity Malta, dan ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu ma kienitx ser tiġi aċċettata għaliex lill-Aġenzija Identity Malta rriżultalha li r-rikorrent ma kienx jinsab fit-territorju Malti jew ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea b’mod legali meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu.

3. Fir-rikors tal-appell ippreżentat mr-rikorrent quddiem il-Bord, huwa spjega li fil-15 t’Awwissu, 2020 huwa vvjaġġa lejn Madrid fi Spanja għal xahar ta’ taħriġ, u kien beħsiebu jirritorna lura Malta fil-15 ta’ Settembru, 2020. Qal li waqt li kien Spanja, huwa kien ma jiflaħx, u kellu jiġi rikoverat għal xi żmien, bir-riżultat li kellu jibqa’ Spanja. Qal li qata’ biljett ta’ ritorn lejn Malta għall-21 ta’ Frar, 2021 għaliex saħħtu ma kienitx tippermettilu li jagħmel il-vjaġġ lura lejn Malta. Qal li mar-ritorn tiegħu f’Malta huwa ma kienx f’kundizzjoni li jaħdem, u għalhekk kellu jqatta’ parti sostanzjali tal-ħin id-dar. Qal ukoll li f’dan iż-żmien kellu xi ħbieb li kienu qegħdin jieħdu ħsiebu, u jipprovdulu akkomodazzjoni. Żied jgħid li meta rkupra, huwa sab impjieg ġdid ma’ Vassallo Builders Ltd, u min-naħa tiegħu huwa ssottometta d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lill-prinċipal

il-ġdid, bil-ħsieb li l-pożizzjoni tiegħu tiġi regolarizzata. Fost id-dokumenti li ġie mitlub, kien hemm l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg li kellu qabel. Ir-rikorrent spjega li kien meta pprova jikseb din l-ittra mingħand l-Aġenzija Jobsplus, li huwa sar jaf li l-impjieg tiegħu qatt ma kien ġie rreġistrat. Qal li applikazzjoni għal permess ġdid ġiet sottomessa f'ismu fit-13 ta' Lulju, 2021. Ir-rikorrent qal li kien meta ġie ppreżenta din l-applikazzjoni li huwa ġie mgħarraf li l-pożizzjoni tiegħu f'Malta kienet waħda irregolari, u li kellu jħalli Malta minnufih.

4. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent qal ukoll li l-ittra mibgħuta lilu mill-Aġenzija Identity Malta, għandha titqies li hija nulla, għaliex f'din l-ittra huwa ma ngħatax raġuni għalfejn l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata, bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Żied jgħid li huwa lanqas ma ġie infurmat bid-dritt tiegħu li jappella minn dan ir-rifjut fi żmien tliet ijiem kif tistipula l-liġi, u għalhekk huwa ma ġiex mgħarraf bid-drittijiet tiegħu.

5. L-intimata fir-risposta tagħha wieġbet li hija ma setgħetx tagħmel risposta kompleta għar-rikors tal-appell tar-rikorrent, għaliex dan naqas milli jelenka l-aggravji li abbażi tagħhom kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni tagħha. Qalet ukoll li r-rikorrent ippreżenta l-appell tiegħu quddiem il-Bord fit-3 ta' Frar, 2022, u wara dik id-data ir-rikorrent m'għamel l-ebda sottomissjonijiet oħra f'dan ir-rigward. Qalet li fit-2 ta' Frar, 2022 l-intimata kienet bagħtet ittra ta' rifjut lir-rikorrent, fejn infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata għaliex instab li huwa ma kienx qiegħed f'Malta legalment, u dan in vista ta' dak li jipprovdi s-sub-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-

intimata qalet li fid-19 ta' Frar, 2020 r-rikorrent ingħata permess uniku abbażi tal-impjieg tiegħu ma' Extreme Pro Scaffolding Ltd, u dan l-impjieg tiegħu ġie tterminat fit-13 t'Awwissu, 2020. Qalet li fit-13 ta' Lulju, 2021 r-rikorrent ippreżenta l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu għal permess uniku, jiġifieri madwar sena wara li l-permess uniku oriġinali tiegħu kien skada. Qalet li mat-terminazzjoni tal-impjieg, hija tikkonċedi terminu ta' għaxart ijiem lill-persuna kkonċernata, sabiex dan jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jsib impjieg alternattiv u jissottometti applikazzjoni ġdida. Qalet li r-rikorrent naqas milli jissottometti applikazzjoni għal *change of employer,* u għalhekk dan m'għandu l-ebda *status* legali f'Malta. Qalet li minflok ma rrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent, hija għamlet eżerċizzju mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk il-pożizzjoni tar-rikorrent setgħetx tiġi regolarizzata. Imma l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tar-rikorrent. L-intimata kompliet tispjega li wara l-ittra ta' rifjut tagħha, ir-rikorrent intavola applikazzjoni ġdida, li għadha qiegħda tiġi pproċessata skont il-liġi.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2022, il-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-intimata tat-2 ta' Frar, 2022, u ta direzzjoni lill-intimata sabiex tagħti mill-ġdid deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent, wara li tisma' dan x'għandu xi jgħid, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"1.<u>Preliminary</u>***
>
> *The Board.*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 2nd February, 2022, the appellant was informed that the relative application for a Single Permit had been rejected as he was not in conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw that in the same decision, the Agency declared that: "...* it transpires that your immigration position at the time of the submission of the said document you were not legally residing in Malta ...";

*Saw that later in its decision, the Agency declared that the appellant was deemed to be a prohibited immigrant under Article 5(2)(e) of the Immigration Act;*

*Saw the appeal registered on 3rd February, 2022; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 16th March, 2022.*

## *2. **Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Apeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*In the first paragraph of its reply, the Agency claimed that the appellant's appeal was null as no actual submissions were filed. However, this is not correct. The appellant did, in fact, file submissions through legal counsel. The appeal was registered on 3rd February, 2022 (via an e-mail from Dr Tiziana Micallef to the Board's Secretariat). Then, on 7th February, 2022, Mr Nicholas Diacono, writing on behalf of the Board's secretariat, informed Dr Micallef that the Board, following its usual practice, granted the appellant fifteen days to file further submissions. On 18th February, 2022 (hence well within the fifteen-day time limit), Dr Micallef filed further submissions (fol. 5 to 13).*

*It is possible, of course, that due to some minor administrative error, the Board's secretariat mistakenly forgot to send the appellant's submissions to Identity Malta Agency. However, that does not render the appeal null. When dealing with courts and tribunals, it is well known among lawyers that it is unwise to rely solely on e-mails and*

*electronic records. Rather, files must be physically checked. It was rather easy for the Agency's lawyers to check the file, as when the Board holds sittings at least once a week, at least one of its lawyers is always present.*

*Consequently, the appellant's appeal is not null.*

*The Agency further stated in its reply that the appellant had worked for Extreme Pro Scaffolding Limited but his employment ended on 13th August, 2020. It stated that consequently, the Single Permit was revoked by the Agency in virtue of a letter dated 31st August, 2020.*

*The Agency explained that the appellant then submitted a fresh Single Permit application on 13th July, 2021, which was several months after his previous Single Permit had been revoked.*

*In his appeal, the appellant explained:*

- *First of all, that he always relied on his employer to handle the necessary paperwork;*
- *That on 15th August, 2020, he booked a flight to Madrid as he was supposed to spend a month there in training, planning to return to Malta on 15th September, 2020;*
- *That the appellant contracted a serious illness and was hospitalised in Spain;*
- *That the appellant could only return to Malta on 21st February, 2021 as his health did not allow him to travel earlier;*
- *That although he had returned to Malta, his health did not allow him to resume his duties. Rather, his health deteriorated;*
- *That by the time he recovered, he was approached by Vassallo Builders Limited and offered new employment;*
- *That he accepted the offer of new employment and eventually, the relative application was lodged on 13th July, 2021.*

*Whereas the Board understands that contracting serious illness when abroad is by no means an easy situation to handle, it must be emphasised that the appellant must prove what he claims. The only document which seems to be of a medical nature is found on the reverse of the document at fol. 6 and is in Spanish. This document indicates that on 17th August, 2020, the appellant was prescribed certain medication by* Centro Sanitario Integrado de Vila Joyosa *(presumably the name of the hospital).*

*However, the document on its own does not prove that the appellant contracted* ***serious*** *illness, does not prove that he was hospitalised for a long time, and*

*certainly does not prove that the appellant could not work upon his return to Malta. The Board must point out that the appellant did not even submit an affidavit or evidence of regular purchases of medication in Malta to try to substantiate his claims.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision, accepts the appellant's appeal and directs Identity Malta Agency to decide afresh after hearing the appellant's side of the story and after affording him reasonable time to prove that he was seriously ill and consequently unable to ensure that the relative application for a fresh Single Permit was submitted within the applicable time limits.*

*The Board points out that it is issuing such directions as it is well aware that in cases of serious illness, an individual focuses first on his own health and may not necessarily prioritise retaining copies of the relevant documentation in order to ensure that his immigration status is not unduly prejudiced.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

7. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-4 ta' Lulju, 2022, l-appellanta talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-24 ta' Ġunju, 2022, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Frar, 2022.

8. L-appellanta spjegat li l-appellat kien jinsab Malta abbażi ta' *Single Permit* sabiex jaħdem mal-kumpannija Extreme Pro Scaffolding Ltd, li kien validu għall-perijodu bejn it-30 ta' Jannar, 2020 sas-7 ta' Ottubru, 2020. Qalet li l-impjieg tar-rikorrent ma' Extreme Pro Scaffolding Ltd ġie tterminat fit-13 t'Awwissu, 2020, u għalhekk mit-13 t'Awwissu, 2020 'il quddiem il-permess ta' residenza tiegħu ma baqax validu. L-appellanta qalet li hija rrevokat il-permess ta' residenza tal-appellat permezz ta' ittra mibgħuta lilu fil-31 t'Awwissu, 2020. Qalet ukoll li kien

biss fil-31 ta' Lulju, 2021 li l-appellat intavola l-applikazzjoni tiegħu għal permess uniku ġdid sabiex ikun jista' jimpjega ruħu ma' Vassallo Builders Limited. Qalet li meta hija għamlet il-verifiki u d-diliġenza dovuta, irriżultalha li fil-mument tal-applikazzjoni tiegħu, l-appellat kien jinsab f'Malta illegalment għaliex meta ippreżenta din l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien ilu mingħajr impjieg madwar ħdax-il xahar. Qalet li għalhekk hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu *ai termini* tal-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-appellanta kompliet tgħid li minkejja li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-appellat, hija ressqet il-każ tal-appellat quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ, ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellat.

9. L-appellanta qalet li fit-2 ta' Frar, 2022 hija bagħtet tinforma lill-appellat, li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata, u kien għalhekk li l-appellat ressaq appell quddiem il-Bord. L-appellanta qalet li din il-Qorti għandha l-kompetenza tisma' dan l-appell *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba r-Regolamenti applikabbli inħarġu skont il-poteri konferiti bl-artikolu 4A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

10. L-appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadin ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, u għalhekk ressqet dan il-każ quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Qalet li l-Uffiċjal Prinċipali tal-

Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellat. Żiedet tgħid li l-Bord ma għamilx smigħ orali u ma tax opportunità lill-partijiet iressqu xhieda. L-appellanta qalet li l-applikazzjoni in kwistjoni ġiet ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li kien jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat. L-appellanta qalet li l-Bord ma messux laqa' l-appell fuq il-bażi ta' bilanċ tal-probabbiltajiet, meta huwa stess ma kienx konvint dwar l-allegazzjoni tal-appellat abbażi tan-nuqqas ta' provi miġjuba, u li lanqas li kieku ġie ppruvat li l-appellat fil-fatt kien kostrett illi ma japplikax fil-ħin minħabba problemi ta' saħħa, hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-appellant, liema mansjoni tmiss lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. L-appellanta qalet li l-Bord m'għandux il-mansjoni li jsalva applikazzjonijiet, iżda huwa tenut li japplika l-liġi bl-istess mod fil-konfront ta' kull applikant.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda ġusta u timmerita konferma. Qal li fil-fatt il-Bord fehem iċ-ċirkostanzi li huwa sab ruħhu fihom, u deherlu li meta persuna tkun marida, din tagħti prijorità lil saħħitha, iżjed milli affarijiet oħra, bħall-ġbir ta' dokumenti sabiex l-i*status* tagħha ma jiġix ippreġudikat. Qal li l-appellanta qiegħda tinterpreta t-terminu *'jirrisjedi legalment'* b'mod arbitrarju, billi tisħaq li m'għandux jinqabeż it-terminu ta' għaxart ijiem bejn meta jiġi terminat impjieg u l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' impjieg ieħor. Kompla jgħid li għall-appellanta, kif it-terminu jinqabeż, il-persuna titqies li qiegħda tirrisjedi f'Malta b'mod illegali.

13. Qal li għalhekk m'hemm l-ebda applikazzjoni skorretta tal-liġi, għaliex m'hemm l-ebda liġi li ġiet applikata, iżda biss *policy* li ġiet stabbilita mill-appellanta stess, u dan għaliex il-liġi ma tipprefiġġi l-ebda terminu lii jekk jinqabeż, l-applikant jitqies li mhux qiegħed f'dak l-Istat Membru b'mod regolari. L-appellat kompla jgħid li l-Bord m'għamel xejn skorrett f'dak li ddeċieda, anzi, applika l-prinċipju ta' *procedural fairness* sabiex qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż l-aspett umanitarju tiegħu. L-appellat qal li l-Bord għalhekk m'applika l-ebda liġi b'mod skorrett u lanqas ma pprova jassumi l-mansjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, iżda reġa' bagħat il-każ lura quddiem l-appellanta sabiex din tkun tista' taċċerta li l-appellat ikollu żmien raġonevoli biex jipprova li huwa verament kien marid, u li sab ruħhu f'ċirkostanzi li ma kinux fil-kontroll tiegħu.

14. L-appellat spjega wkoll li fiż-żmien meta seħħ dan kollu, kien hawn il-pandemija u restrizzjonijiet fuq is-safar, li komplew jikkumplikaw il-pożizzjoni tiegħu, partikolarment meta huwa spiċċa li kellu jqatta' aktar żmien fi Spanja milli kien antiċipa. Qal li huwa sab diversi intoppi burokratiċi oħra li ma kienux fil-kontroll tiegħu. Qal li l-appellanta ma kienitx raġonevoli meta ddeċidiet li huwa qiegħed f'Malta illegalment, u ma qisitx l-applikazzjoni tiegħu għall-impjieg ma' Vassallo Builders Limited, wara li bbażat din id-deċiżjoni fuq *grace period* stabbilit mill-appellanta u mhux mil-liġi.

15. L-appellat qal li huwa jħoss ukoll il-ħtieġa li jirrimarka dwar il-mod kif ġie mfassal ir-rikors tal-appell, inkluż l-intenzjoni tal-appellanta li tressaq xhieda f'dan l-istadju, u l-insistenza fuq in-nuqqas ta' provi min-naħa tiegħu, u qal li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jitqiesu biss fuq punti ta' liġi.

Finalment, l-appellat qal li ma kienx hemm xejn irregolari fin-nuqqas ta' smigħ quddiem il-Bord, u dan peress li l-Bord mhux legalment obbligat iżomm seduti. Qal ukoll li mhux minnu li l-Bord naqas milli jimxi bl-istess mod ma' kull applikant, u dak li għamel il-Bord f'dan il-każ kien li rrispetta l-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-*procedural fairness.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

17. L-appellanta tgħid li l-Bord għamel applikazzjoni skorretta tal-liġi, għaliex dan kellu jqis li l-appellat kien qiegħed f'Malta illegalment fil-mument li fih ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Spjegat li l-appellat kien ilu ħdax-il xahar mingħajr impjieg meta pprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, billi ressaq applikazzjoni mill-ġdid għall-għoti ta' permess uniku sabiex ikun jista' jaħdem ma' Vassallo Builders Limited. Qalet li hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellat, ladarba din ġiet ippreżentata bi ksur tas-sub-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qalet ukoll li l-Bord ma kienx konvint mill-kwalità tal-provi li ġew imressqa f'dan il-każ, u li għalhekk ma kellux jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet.

18. Il-Qorti tqis li dan huwa każ fejn il-Bord ħalla jmexxih il-prinċipju tar-raġonevolezza, u ddeċieda li sabiex issir ġustizzja mal-appellat, dan għandu jitħalla jressaq provi sabiex juri x'kien li impedih milli jonora t-terminu ta' żmien

stabbilit mill-appellanta, u jressaq l-applikazzjoni tiegħu fil-ħin. Il-Qorti tqis li t-terminu ta' għaxart ijiem konċess mill-appellanta sabiex persuna tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha wara li tkun sabet ruħha mingħajr impjieg, huwa terminu wisq qasir sabiex wieħed jikkonforma mar-rekwiżiti amministrattivi, jiġbor id-dokumentazzjoni meħtieġa u jsib impjieg ġdid. L-appellat spjega li huwa ma setax jikkonforma ma' dan it-terminu ta' żmien, għaliex kellu problemi ta' saħħa li minħabba fihom huwa ma setax jaħdem għal xi żmien. Il-Bord ma qalx li l-appellanta minkejja kollox kellha tilqa' l-applikazzjoni tal-appellat, iżda ddeċieda li l-appellanta kellha tagħti smigħ lill-appellat u tikkonċedilu terminu ta' żmien sabiex jipprova li huwa verament għamel perijodu ta' żmien rikoverat fi sptar u wara kellu problemi ta' saħħa li minħabba fihom ma setax jaħdem. Mingħajr tali prova, ma jistax jiġi stabbilit b'ċertezza jekk l-appellanta imxietx b'mod raġonevoli meta ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-appellat għandha tiġi miċħuda għaliex dan kien qiegħed f'Malta illegalment. Il-Qorti tqis li l-aspetti umanitarji f'każijiet bħal dawn, għandhom dejjem jiġu ttrattati bl-attenzjoni dovuta. Il-Qorti hija tal-fehma li l-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu, għaliex l-uniku mod kif tista' ssir ġustizzja mal-partijiet kollha involuti f'dawn il-proċeduri huwa billi l-appellat jingħata l-opportunità li jipprova li fil-perijodu meta huwa ma kienx kopert b'permess ta' residenza jew ta' xogħol, huwa kellu impediment fiżiku li minħabba fih ma setax jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fil-ħin. Għaldaqstsant tqis li l-aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**